MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-2 ta' Frar, 2010

Citazzjoni Numru. 1088/2009

**GO p.l.c. (C22334)**

**vs**

**Francesco Cachia (ID 397657M)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mis-socjeta’ attrici fis-6 ta’ Novembru, 2009, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi l-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ erbghin elf, tlett mija u sebgha u ghoxrin ewro u erbgha u tmenin centezmu (€40,327.84) u u dan in konnessjoni ma ftehim hawn annessa u markata Dok IZY 1 li huwa ftehim ghal pagamenti mensili u Dok IZY 2 li huwa prospett ta’ dak li hu dovut;

2. Illi l-konvenut gie interpellat biex ihallas izda baqa' nadempjenti;
3. Illi l-Avukat Dr Ingrid Zammit Young hija wkoll impjegata mas-Socjeta attrici Go p.l.c. u taf b'dawn il-fatti personalment, wara li vverifikat ma l-informazzjoni fil-file relattiv tas-socjeta' attrici;
4. Ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Talbet ghar-ragunijiet premessi, prevja li jinghataw id-dikjarazzjonijiet u provedimenti opportuni, li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbghin elf, tlett mija u sebgha u ghoxrin ewro u erbgha u tmenin centezmu (€40,327.84) in konnessjoni mad-dokumenti hawn annessi;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-prezenti, dawk tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali, u bl-imghaxijiet dekorribli mid-data tal-kontijiet, kontra l-konvenut, li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi ir-rikors guramentat gie debitament notifikat lill-konvenut li naqas li jipprezenta risposta guramentata u b'hekk baqa kontumaci;

Rat l-affidavit ta' Dr Ingrid Zammit Young ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' attrici a fol. 7 tal-process;

Ezaminat id-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lil PL Noel Scerri ghas-socjeta' attrici fis-seduta tat-2 ta' Frar, 2010 jikkonferma bil-gurament illi s-socjeta' attrici kienet ghadha baqghet ma thallset xejn minghand il-konvenut;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-rikors guramentat jirrizultaw ippruvati;

Fil-kontumacja tal-konvenut, tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici, kif dedotta fir-rikors guramentat u hekk tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbghin elf, tlett  mija u sebgha u ghoxrin ewro u erbgha u tmenin centezmu (€40,327.84) dovuta kif inghad; bl-ispejjez kif mitluba kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------